MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 553/2008

**Godwin Falzon (702748M) u Alfred Falzon f'isimhom propju**
**u ghan-nom ta' HLB Falzon & Falzon**

**Vs**

**Silver Lining Enterprises Ltd. (P856)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' seba' mija u erbatax-il Euro u tmienja u tmenin centezmu (€714.88), tlett mija u sitt liri Maltin u disghin centezmu (Lm306.90c), li tirrapresenta bilanc mhux imhallas minn prezz ta' xoghol professjonali minnha kkumissjonat.

Illi s-socjeta' konvenuta giet debitament interpellata thallas dan l-ammont izda baqghet inadempjenti.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali minn meta gew rezi s-servizzi kontra s-socjeta’ konvenuta li tibqa’ ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta’ konvenuta gie debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi u l-fatt li s-socjeta’ konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ seba’ mija u erbatax-il Euro u tmienja u tmenin centezmu (€714.88), tlett mija u sitt liri Maltin u disghin centezmu (Lm306.90), bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------